# Kunsill Lokali tar-Rabat

Rapport Annwali Amministrattiv

Sena 2024

**Bidla fil-Kunsill**




Nhar is-Sibt, 8 ta'Ġunju, 2024 il-Kunsill Lokali tar-Rabat bħal kull kunsill ieħor f'Malta kellu l-elezzjonijiet tiegħu. Għal din l-elezzjoni kkuntestaw sitta f'isem il-Partit Laburista u ħamsa f'isem il-Partit Nazzjonalista. Kien konfermat is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu eletti is-Sur Matthew Chetcuti bħala Viċi Sindku, is-Sa Charmaine Balzan, is-Sa Graziella Brincat u s-Sur Paul Grech f'isem il-Partit Laburista u is-Sur Nazju Cassar, is-Sur Rudolph Grima, is-Sur Norbert Grech u s-Sur Terence Sant f'isem il-Partit Nazzjonalista.




Ir-Rabat (Malta) Summary 2024

View Candidates

| | | |
|---|---|---|
| Seats | | 9 |
| Quota | | 717 |
| Registered Voters | | 10,429 |
| Votes Cast | 7,638 | 73.2% |
| Valid Votes | 7,168 | 93.8% |
| Invalid Votes | 470 | 6.2% |

Il-mandat tagħhom beda eżattament fl-ewwel ta' Lulju 2024 biex il-kunsill tat-tminn leġislatura temm il-mandat tiegħu fit-30 ta' Ġunju. Nieħdu l-okkazjoni nsellmu lil dawk li jew ma kkontestawx jew inkella ma telgħux: is-Sa Janice Busuttil, is-Sa Doris Coleiri, is-Sur Christopher Farrugia u s-Sur Kris Grech.

Nifirħu lis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u lil Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti li ħadu l-ġurament tagħhom nhar it-3 ta' Lulju fil-Kunvent tad-Dumnikani waqt l-ewwel laqgħa ta' din id-disa' leġislatura.



**Il-Programm Citezens Equality Rights and Values**

Bejn id-9 u t-12 ta' Settembru, 2024, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Anthony Bonello f'isem il-Kunsill Lokali tar-Rabat kellu l-opportunità li jirrapprezenta l-lokalità tagħna fit-tieni attività ġewwa l-Belt kapitali antika tal-Bulgaria, Veliko Turnovo fil-programm CERV, Programme Citizens, Equality, Rights and Values. Id-diskussjoni kienet iffukata fuq it-tema 'Għalfejn l-elezzjonijiet Ewropej huma importanti għall-futur tal-Ewropa?"



Il-programm immexxi mil-Partner ewlieni li huma Santa Comba fi Spanja, kellu l-parteċipazzjoni tas-Slovakia; Litwanja, Latvia; Portugal; Greċja, Kroazja; Ċipru, Polonja, Ungerija, Awstrija, Italja, Franza, Irlanda, Rumanija, Estonia u fuq kollox ir-Rabat Malta rappreżentat mil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

Fil-laqgħat, il-parteċipanti kellhom l-opportunita li jiddiskutu temi dwar l-Unjoni Ewropeja fid-dettall mas-Sur Mr Ivailo Zdravko, President Reġjonali, is-Sur Daniel Panov, is-Sindku ta' Veliko Turnovo, is-Sa Patricia Val, Deputat Sindku ta' Santa Comba fi Spanja, is-Sur Emanuil Manolov, is-Sindku ta' Pavlikeni u Dr Olga Stoyanova, Professur tax-Xjenza Politika fil-Burgarija.

Fi tmiem il-laqgħat kien diskuss is-sehem tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fejn se jkun qed jilqa' lil dawn il-parteċipanti fit-tielet laqgħa internazzjonali fir-Rabat bejn id-9 u t-12 ta' Diċembru, 2024.

Spejjeż
Frar 2024

| | | |
|---|---|---|
| Bolt | €8.60 | Petty Cash (38124) |
| Expenses | €95.10 | Petty Cash |
| Matthew Chetcuti | €87.31 | SOP 356 (17859) |
| | **191.01** | |

Spejjeż
Settembru 2024

| | | |
|---|---|---|
| Bolt | €17.00 | Petty Cash |
| Expenses | €67.29 | Petty Cash |
| | **€84.29** | |

Total: €275.30

**Ħarġa għat-Tfal fl-Esplora**

Nhar it-18 ta' Settembru, 2024, il-Kunsill Lokali tar-Rabat organizza ħarġa edukattiva għat-tfal fl-Esplora. Din il-ħarġa kienet waħda innovattiva u suċċess u kienet organizzata biex tħajjar it-tfal jaqbdu s-suġġetti tax-Xjenza. Din l-attività kienet *fully booked* b'numru sabiħ ta' tfal li ma kienux għadhom bdew l-iskola u fl-istess ħin kienu waqfu minn Skola Sajf. Il-popolarità ta' din il-ħarġa u s-suċċess tagħha, jixhduh l-istess tfal li pparteċipaw. Tajjeb li nsemmu illi għal din l-attività t-tfal applikaw permezz tal-mezzi soċjali *on-line* u għaldaqstant kienu mħajjra jkunu familjari ma' dawn it-tip ta' applikazzjonijiet li ma jirrekjedux karti u għaldaqstant ta' benefiċċju għall-ambjent. Din il-ħarġa ħadmet fuqha is-Sa Charmaine Balzan, kunsillier.






Spejjeż:

SOP363 – Invoice 10013833 - €129.80 - trasport

**Ħarġa għall-Anzjani**




Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2024, kienet organizzata ħarġa għall-Anzjani. L-attività bdiet b'Quddiesa fil-Bażilika ta' Maria Bambina fl-Isla u aktar tard dawn żaru t-toroq ħelwin tal-Birgu fejn ukoll kellhom waqfa għall-ikel fir-ristorant *Wild West.*

Naturalment dawn ħadu gost ferm u żgur li mhux se tkun l-ewwel u l-aħħar waħda għall-Kunsill Lokali tar-Rabat tad-disgħa leġislatura. Is-Sa Graziella Brincat kienet inkarigata minn din il-ħarġa.

Ħarġa oħra għall-anzjani kienet organizzata nhar is-17 ta' Novembru 2025 lejn il-gżira Għawdxija. Din kienet waħda ferm rilassanti u wkoll ħadet ħsiebha is-Sa Graziella Brincat.



Spejjeż ta' Trasport

€142.00 - Birgu

€188.80 - Għawdex

**Festa ta' San Franġisk nhar il-Ħadd, 13 ta' Ottubru 2024, u Vouchers tal-ikel tal-Cat Feeders €854**

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ottubru, 2024, il-Komunità Franġiskana mil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, kellha ċ-ċerimonja annwali tagħha biex tfakkar il-festa ta' San Franġisk. F'din il-festa jkun hemm esposta l-istatwa ta' San Franġisk u jkun hemm purċissjoni akkumpanjata mil-Banda L-Isle Adam, u fuq kollox it-tberik tal-annimali. Din hija waħda mil-festi ż-żgħar tagħna li toħloq ferħ speċjalmemt fost it-tfal li jiġu u jbierku l-*pets* tagħhom. Dawn ġabu fost l-oħrajn fkieren, qtates, klieb u għasafar u s'intendi l-adulti ġabu magħhom żwiemel, ħmir u ponijiet. F'din il-festa, l-Kunsill Lokali tar-Rabat sponsorja t-*tokens* li ngħataw lil dawn it-tfal biex inissel aktar imħabba lejn l-annimali li normalment ikunu fil-*media* meta jew jinħaqru jew inkella l-awtoritajiet isibu atroċitajiet moqżieża. Inċidentalment din il-festa inżammet meta d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali qiegħed ukoll iqassam permezz tal-Kunsilli Lokali l-*vouchers* lil *Cat feeders stray* li jinsabu mxerrdin mar-Rabat u l-Baħrija. Fir-Rabat għandna ħamsin *cat feeder* li ngħataw bejniethom mija u ħamsin *voucher* tal-€50-il waħda. Dan ifisser li ingħataw €7,500 mil-Gvern Ċentrali lil *Cat feeders* tar-Rabat biex jixtruhom f'għalf għal dawn il-qtates. L-ispejjeż tat-trophies li inxtraw mingħand Marindex Ltd waqt il-Festa ta' San Franġisk kienet ta' €854.00



**Mdina Grand Prix 2024**




Wara tant taħditiet u laqgħat kemm mal-organizzaturi kif ukoll mal-uffiċjali ta' Transport Malta ġewwa l-binja tagħhom f'Ħal Lija, intlaħaq ftehim biex tkun organizzata din it-tiġrija li issa daħlet bħala attività internazzjanali fil-lokalità anke tar-Rabat. Temporanjament, diversi toroq saru *one-way* u dan jikludi wkoll toroq fil-lokalità li ħarġet mir-Rabat, dik tal-Imtarfa u kien hemm toroq oħrajn li ma kienux aċċessibbli għall-vetturi. Dawn it-toroq illimitaw l-aċċess speċjalment mir-Rabat fejn ħafna Rabtin kellhom jużaw toroq alternattivi. Din l-attività tagħti wkoll promozzjoni lill-Kunsill Lokali tar-Rabat anke saħansitra barra minn xtutna minkejja li jisimha Mdina Grad Prix.

Malta Classic
3h ·

The Over All winner, on corrected time, of the Mdina Grand Prix fuelled by Enemed, is Gordon Vella driving a Pre-War Austin 7 Ulster

He won the Bremont Arrow timepiece, generously sponsored by Heir & Loom

Supported by Hilton Malta | Mdina Glass Malta | Vibe FM | Visit Malta | Sullivan Maritime Ltd | Strand Electronics | Bonnici Group | Farsons Group | Camilleri Catering | Antonio's Barber Shop | MOMO TIRES | Infrastructure Malta | Mdina Local Council | Kunsill Lokali Rabat Malta | Island Car Club Malta | MiCom Solutions Ltd | Transport Malta | LESA | Civil Protection Malta | Malta Red Cross | TEC | iSTAGE | RVC Event lighting | Visage Sound Malta | MyLink | Hundar Emergency Solutions | Two in one design | HMK | HandsOn Systems | Strand Marine | UPS | AutoUnion Car Rental | Grimaldi Lines | The Wedding Bus | Strand Palace Agencies Ltd - Malta | Alberta Fire & Security | The Cleansing & Maintenance Division | Billboard Advertising Ltd | Karl Borg Events Ltd



**Inawgurar tar-Restawr tal-Funtana (Water Fountain) tas-Saqqajja**

Wara li temmejna ir-restawr b'suċċess tan-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja issa kien imiss li fuq in-naħa ta' wara ta' din in-niċċa, tiġi restawrata l-funtana jew aħjar l-Għajn tal-Ilma.

Applikajna mad-Dipartiment Gvern Lokali biex isir dan ir-restawr, u f'Ottubru 2024 kien iffirmat il-kuntratt mad-Dipartiment tal-Preservazzjoni u r-Restawr. Ix-xogħol se jibda fis-sena 2025 billi jittieħdu kampjuni tal-ġebel biex ikun determinat x'xogħol hemm bżonn li jsir.






**Clean up the World**






Nhar il-25 ta' Settembru, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, l-kunsillier is-Sa Charmaine Balzan flimkien ma' uħud mil-ħaddiema klerikali tagħna tal-Kunsill, u l-ħaddiema tal-Indafa, naddafna parti miż-żona tar-Rub u Fomm ir-riħ. Ma jistax jonqos li sibna skart li ħadd ma kien jobsor li jinsab fix-xahari u l-kampanja tar-Rabat. Proset tal-inizjattiva u b'hekk temmejna b'suċċess l-obbligu tagħna biex nagħlqu l-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali u kien gost tagħna nagħmlu l-ambjent aħjar milli hu.

| **Fornitur** | **Dettalji** | **Euros (€)** |
|---|---|---|
| PT Matic | Wheelie Bins SOP363 - 18728 | €389.87 |
| Rabat Plant | Petty Cash 06/10 | €50 Petty Cash |
| St Peter's Ironmongery | tools 07110 | €7.95 Petty Cash |
| Camilleri Service Station 8/10 | fuel | €25.00 Petty Cash 8/10 |
| The Convenience Shop | Water | €12.00 Petty cash 9/10 |
| Lidl – 37/07 | għodda | €24.99 Petty Cash |
| St Anthony Pharmacy | First Aid box | €19.25 |
| | | **538.66** |

**Mawra fostna mis-Sindku ta' Solarino fi Sqallija, is-Sur Giuseppe Germano**

Id-delegazzjoni internazzjonali kienet mil-bidu sal-aħħar ospitata mil-Kunsill Lokali tar-Rabat. Dan jagħmilna kburin meta jiġu barranin u jimpressjonaw ruħuhom b'dak li għandna fir-Rabat. Fi tmiem il-ġimgħa bejn l-20 u l-23 ta' Settembru kellna fostna s-Sindku ta' Solarino, is-Sur Giuseppe Germano u fil-ftit żmien li kellna, żorna l-Grotta ta' San Pawl, il-Bażilika ta' San Pawl, Il-Kappella ta' San Publiju, il-Mużew Wignacourt, l-Arkivji tal-Parroċċa, Il-Knisja ta' Marija ta' Ġesù, il-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, il-Każin tal-Banda Konti Ruġġieru, l-Każin tal-Banda L'Isle Adam u fuq kollox kellna l-esperjenza tal-Festa ta' Marija Bambina tal-Imtaħleb fejn kienet opportunità li daqu litteralment x'inhi festa fir-Rabat. Din il-mawra se tkun l-bidu tal-ġemellaġġ li applikajna għalih mad-Diviżjoni Gvern Lokali.

Spejjeż:

| Fornitur | Euro (€) | Dettalji tal-uffiċċju |
|---|---|---|
| Hidden Gem lodging | €630.00 | SOP 363 – Ref 18651&18652 |
| Meals for visitors | €1,452.25 | SOP 363-18748 & 18751 |
| | **€2,082.25** | |



**Jum ir-Rabat 2024**

Okkazjoni fejn min ħaqqu jieħu mertu u l-ġieħ. Din is-sena kien imiss lill-ġurnalist veteran Rabti is-Sur Reno Bugeja li ħadem tant fil-ġurnalizmu fuq l-istazzjon Nazzjonali ta' Malta TVM.

Nhar it-2 ta' Settembru 2024 iċċelebrajna Jum ir-Rabat - il-jum li jgħaqqadna lkoll bħala Rabtin. Din is-sena iltqajna quddiem il-Kappella ta' Sant' Agata u fraħna flimkien filwaqt li tajna ġieħ lil dawk kollha li għamlulna unur.



| Fornitur | Euro (€) | Dettalji tal-uffiċċju |
|---|---|---|
| Staff overtime | €200 | |
| Genaudio inv 9353, 9352 | €2,874.48 | SOP 362 Ref: 18594,18595 |
| Gerald Jewellery – lapel pin | €335 | SOP362 Ref:18597 |
| Mariele Zammit - animazzjoni | €700 | SOP362 Ref: 18600 |
| Tree Cake - catering | €1,232.40 | SOP362 Ref: 18628 |
| Valletta Glass - trophies | €460.20 | SOP362 Ref: 18628 |
| Brother Domenic - Venue | €150.00 | |
| Photographer | | |
| Colours – certificates | 15.00 | Petty cash 18/7 |
| Maltapost postage | 36.00 | Petty Cash 23/7 |
| Colours - Wrapping | 1.50 | Petty Cash 28/7 |
| Vexillina (invites) | 14.00 | Petty Cash 31/32/07 |
| | **€5,868.58** | |

**Żjara f'Solarino**

Fi tmiem il-ġimgħa, bejn it-2 u l-5 t'Awwissu, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello marru ġewwa Solarino għall-festa ta' San Pawl fuq stedina tas-Sindku Giuseppe Germano. Huma tkellmu fit-tul biex nesploraw ftehim mil-qrib mal-komunita ta' Solarino. Komunità ftit iżgħar minn tagħna però hemm ħafna similaritajiet. Nies dħulin u ħelwin ħafna u b'kultura bħal tagħna. Hemm x'wieħed jitgħallem minn din l-esperjenza u għalhekk tajjeb naħdmu biex nagħmlu ftehim bilaterali. Nirringrazzjaw lis-Sur Salvatore Mangiafico, u lis-Sa Michelle u Chris Calleja lis-Sur Angelo Bonavia li għamluhielna faċli biex din iż-żjara kienet suċċess. Fuq kollox esperjenzajna l-festa ta' San Pawl wisq differenti minn dik li niċċelebraw aħna fir-Rabat.

| **Fornitur** | **Euros (€)** | **Dettalji tal-Uffiċċju** |
|---|---|---|
| Vexillina (wrapping) | €1.50 | Petty Cash 19/07 |
| Bolt (trasport) | €35.00 | Petty Cash 35/36/07 |
| Roman Villa - Souvenir | €12.95 | Petty Cash (38/07) |
| Villager Tours (Virtu Ferries) | €232.00 | SOP 361 (Ref: 18484) |
| | **€281.45** | |



**Fanali ġodda fil-pakeġġ Misraħ Anton Agius**

Waħda mill-iskemi li applikajna għaliha hija dik tal-fanali dekorattivi f'Misraħ Anton Agius f'wieħed mil-postijiet li hu fl-entratura tar-Rabat u wkoll fil-passaġġ fejn bosta turisti jiġu mill-Imdina u jitilgħu lejn il-Parroċċa biex jaraw il-katakombi ta' San Pawl. Din l-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali kienet intiża biex nieħdu ħsieb proġetti li jkun wettaq il-Gvern Ċentrali b'investiment massiġġ biex tkompli tmantni ruħha. B'din l-inizjattiva issa ġie possibbli li dan il-parkeġġ li jibqa' attiv sas-siegħet bikrin ta' filgħodu u jirrendi ruħu *safe* u jkun aktar regolat aktar.

Spiża:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mica Med inv 4049 | €36,296.80 | SOP362 | Ref: 18608 |



**Proġett ta' latrini awtomatiċi - fil-Baħrija**



Dan hu proġett ferm għal qalb il-Kunsill. Din il-lokalità minkejja li jinsabu fiha l-faċilitajiet kollha, għandha latrina li ma kienetx aċċessibbli mil-persuni b'diffikultà mobbli. Ridna naraw x'nagħmlu biex anke persuna b'diffikultajiet ikollha l-aċċess għal-latrina pubblika.



Wessajna l-bibien u ħloqna rampa. Xejn ma kien faċli għaliex kellna nibdlu bibien, twieqi, madum, sistemi tad-dwal u l-ilma eċċ. Madankollu wasalna biex anke fil-Baħrija jkollna investiment fin-nies permezz ta' skema imsejħa latrini awtomatiċi.

Spiża:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Albert Tanti | Inv 151 | €5,900 | SOP363 | Ref 18656 |
| AB Gypsum Installations | | €900 | SOP366 | Ref 249 |
| C & C Farrugia ? | | €2,400 | SOP 366 | Ref 289 |
| Qormi Aluminium Holdings Ltd | | €2,926.40 | SOP 366 | Ref 372 |
| Jonathan Azzopardi (tiles) | | 2,850.00 | | |
| | | ~~€12,126.40~~ 14,976.40 | | |

+ purchase & installation of light fittings & toilets €950

+ €10,000

**Proġett tal-ġnien Patri Martin Caruana fi Pjazza San Duminku.**

Ma skoprejniex ir-rota mil-ġdid, iżda dan il-proġett hu wieħed ambjentalment sostenibbli. Dan ix-xogħol ta' tisbiħ sar permezz tal-ħidma li mbarka fuqu l-Kunsill Lokali tar-Rabat, bl-appoġġ ta' fondi Ewropej bil-għan li tiżdied is-sostenibbiltà favur l-użu tal-ilma tax-xita.



It-tisbiħ ta' dan il-ġnien wassal għal pavimentar ġdid u tibdil ta' bankijiet li ġew attrezzati biex jilqgħu għall-elementi kollha u ġew installati dwal ġodda li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Dan sar b'investiment ta' aktar minn nofs miljun ewro.

Bl-applikazzjoni GIFLUID, il-proġett tal-ġnien għandu fiċ-ċentru tiegħu l-għan li l-ilma tax-xita li jinżel fl-ispazju kollu tal-ġnien, jiġi assorbit fl-ilma tal-pjan biex dan ikun wieħed sostenibbli. Fil-fatt intuża materjal permeabbli biex l-ilma tax-xita jibqa' jiskula. Għal dawn il-fondi, il-kunsill issieħeb mal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija bil-lead partner ikunu l-Università ta' Catania li issa sirna familjari magħhom peress li konna qed nitilgħu spiss hemmhekk biex naġġornawhom. L-ikbar ostaklu, jiġifieri dak tal-permess mil-Awtorità tal-Ippjanar, ikollna nammettu li kiddna ftit mhux ħażin u x-xogħol sar bil-moniteraġġ tas-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali.

GIFLUID

| | | € |
|---|---|---|
| Coreworks | IP06 | 356,492.80 |
| Coreworks | tel booth | 1,050.20 |
| Mica med | | 10,091.26 |
| Mica med | | 8,295.40 |
| Mica med | | 5,681.70 |
| Mica med | | 191,734.15 |
| Marco Graziani | | 3,225.00 |
| Marco Graziani | | 1,725.00 |
| Christian Gravina | | 4,016.00 |
| Architect works, tender adjud | | 4,381.53 |
| Logo Grafix | | 175.82 |
| IO Projects | | 5,298.20 |
| IO Projects | | 5,841.00 |
| Med Design Associates | | 4,989.81 |
| Agius Marble works | | 1,947.00 |
| | | **604,944.87** |

| | | |
|---|---|---|
| EU request | I | 93,888.73 |
| EU request | II | 328,412.20 |
| | | **422,300.93** |

**Proġett ta' Restawr ta' Dar ir-Rabtin**

Dan il-proġett inbeda fiż-żmien ostili tal-Covid 19. Proġett ta' restawr intensiv u saħansitra li kien jinvolvi ri-kostruzzjoni qawwija tal-Muniċipju tar-Rabat fi 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat. Matul l-2024 saru diversi xogħlijiet u kienu konklużi s-sistemi tal-elettriku, ilma tal-vit u l-ilma tal-bir, d-drenaġġ, gypsum fis-soqfa u t-toilets tal-estenzjoni l-ġdida, it-tqaxxir tal-ħitan l-antiki, twaħħil tal-madum, bibien, twieqi, sistemi ta' alarm tan-nar u tas-sigurtà, l-istallazzjoni tal-ġeneratur, sistemi tal-arja kkundizzjonata u diversi affarijiet oħra bħal networking eċċ. L-ikbar innovità hija l-utilizzar tal-ispazju fis-sular ta' fuq nett li qabel kien possibbli b'taraġ garigor u issa b'lift tal-passiġġieri li nbena bil-għan li jagħmel din il-binja aċċessibbli minn fuq s'isfel.

Proġett li ġie jisboq il-Miljun Ewro Maltin



| | | | |
|---|---|---|---|
| 17925 | Electra Lights as per quotation SPQ0028236298 | €6702.42 | SOP357 |
| | 9th Interim payment (1st payment of Bill IPA03) | €25,000 | SOP 358 |
| | 10th Interim Payment | €50,000 | SOP 358 |
| | Remaining balance on Electra light | €6,343 | SOP 358 |
| | 11th Interim Payment IPA03 | €20,000 | SOP359 |
| | 12th Interim Payment IPA 04 | €27,562 | SOP360 |
| | Half amount of facade restoration bill 4 | €31,212.77 | SOP 361 |
| 18552 | 50% deposit on furniture | €23,983.21 | SOP362 |
| 18587 | Apertures IPA 04 | €10,000 | SOP362 |
| 17069 | Professional fees | €2,044.82 | |
| 17590 | Property Valuation | €295 | |
| 17986 | Professional fees | €2,258.76 | SOP 357 |
| 17987 | Professional fees | €1,715.89 | SOP 357 |
| 18309 | Med Design bill 4 | €3,883.92 | SOP362 |




**Festi fir-Rabat**

Dawn il-festi iġibu ħafna xogħol amministrattiv magħhom. Hemm mhux biss l-immaniġjar tat-traffiku u l-permessi iżda wkoll il-posti tal-kabbani u t-tindif u l-għeluq tat-toroq biex joħroġ l-armar. Madankollu hu obbligu tagħna li nsostnuhom biex il-karattru tar-Rabat flimkien mat-tradizzjonijiet u s-sbuħija tiegħu ikompli jiddistingwina fuq il-mappa internazzjonali.

**Festa San Guzepp**

| | | | |
|---|---|---|---|
| LESA | €281.75 | SOP 358 | 18172 |
| Tindif | €2,478 | SOP 357 | 17975 |
| | **€2,759.75** | | |

**Festa San Pawl**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Civil Protection | €1,381.19 | SOP360 | 18366 |
| Public Convenience | €538.12 | SOP 361 | 18477, 18478 |
| Public Convenience | €315.90 | SOP 361 | 18476 |
| Cleaning | €259.60 | SOP 361 | 18505 |
| Extra Workers | €2,124.59 | SOP 362 | 18598 |
| | **€4,619.40** | | |





**Vann tas-Silver T**



Wara li l-Kunsill kien xtara l-vann għas-somma ta' €53,072.90 li jaħdem bl-elettriku għas-servizz tar-Rabtin kollha, nhar il-21 ta' Mejju, ħabbarna servizz ta' trasport mingħajr ħlas għall-anzjani tagħna. Bi ftehim iffirmat ma' Silver T, issa nistgħu immorru għall-anzjani u nwassluhom lura quddiem il-bieb tad-dar tagħhom. Dan l-arranġament sar wara diskussjonijiet ma' Dr Malcolm Paul Agius Galea, is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva. Il-proċess hu li wieħed iċempel minn tlett ijiem qabel fuq 22788900 u jirriżerva postu. Dan l-esperiment ħadem perfettament u d-domanda fuqu splodiet.

**B'ringrazzjament lil Komunità Malta u lil San Pawl**

Nhar il-11 ta' Mejju, kien inawgurat ir-restawr fuq in-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja. Dan kien wieħed mill-akbar proġetti ta' restawr li qatt sar fir-Rabat u bla dubju li kien l-akbar wieħed mill-Kunsill Lokali tar-Rabat minn kemm ilu jeżisti. B'din l-inizjattiva salvajna wirt nazzjonali, grazzi għall-Komunità Malta li sponsorjat dan ir-restawr, permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill, Agius Stone Works li kien rebaħ l-offerta tal-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2021. Minħabba li x-xogħol kien wieħed metikoluż li kien jinvolvi dak li jgħidulu *mapping* ta' kull ġebla tan-niċċa biex tkun analizzata u jkun deċiż jekk għandiex tinżamm jew issir oħra flokha. Din in-niċċa tinżamm fi stat tajjeb u b'għożża kbira mil-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp.






| | | | |
|---|---|---|---|
| Animazzjoni fl-inawgurazzjoni uffiċjali tar-restawr tan-Nicca mill-Arċikonfraternità | Inv 010/2225 | €4,545 | SOP362 Ref: 18555 |
| Deborah Vella | Inv 279 | €120 | SOP 360 Ref: 18389 |
| Agius Stone Works | Inv 2235 | €69,560.61 | SOP358 Ref: 18121 Restoration |
| | | €74,225.60 | |

**Bandli tal-Baħrija**



Wara li l-Kunsill kien ħareġ offerta pubblika l-proġett kien ingħata lill-Projekte Ltd. Il-ħidma baqgħet seħħet fi Ġnien Il-Barnuża l-Ħamra fil-Pjazza tal-Baħrija. Biex l-infiq ikun kontrollat, fejn stajna irrestawrajna għamilna dan. Fosthom il-bankijia li issa wara li tqaxxru u inżebgħu, jidhru ġodda. It-tapit joffri serħan il-moħħ għall-ommijiet li jieħdu lill-uliedhom hemmhekk biex jilgħabu t-tfal tagħhom u jieħdu ftit arja pura tal-Baħrija. Kienet wegħda proposta li ħdimna fuqha u issa twettqet ukoll matul it-tieni kwart tas-sena dejjem biex ikun hemm aktar sigurtà għat-tfal tagħna. It-tapit tajjeb li ngħidu li huwa casted in situ u mhux imwaħħal kif kien qabel mattonċina waħda fejn l-oħra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Projekte | Inv 12590&12584 | €47,931.54 | SOP361 (ref: 18443, 18444) |
| Projekte | Benches restoration | €1,180 | |
| Perit Oriana | Inv 365 | €569.40 | SOP358 Ref: 18209 |
| Medesign | Inv 11683 | €1,298.00 | SOP359 Ref: 18306 |
| Perit Oriana | Inv 350 | €324.50 | SOP361 Ref: 18522 |
| | | €51,303.44 | |

**Restawr ta' Niċeċ**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat imbarka fuq proġett li jkompli juri l-impenn tiegħu biex nibżgħu għall-monumenti storiċi tagħna. L-ewwel statwa li kienet irrestawrata hija dik ta' tal-istawa ta' San Pawl li tinsab fi Triq Indri Borġ. Dawn ix-xogħlijiet saru mil-kumpanija Agius Marble Works Ltd u kienu approvati (18271) l-ispejjeż ta' €2,500 fl-iskeda tal-pagamenti 359.

Wara dawn x-xogħlijiet fuq din l-istatwa, tlesta wkoll ir-restawr fuq statwa oħra ta' San Pawl li tinsab fil-kantuniera ta' Triq Doni. Dan ix-xogħol qed isir bl-għajnuna finanzjarja li ksibna mil-Awtorità Maltija għat-Turizmu u ta' dan nirringrazzjawhom mil-qalb. Dawn l-ispejjeż laħqu wkoll l-€2,500 u din tal-aħħar kellha l-pedestall milqut minn daqqa ta' vettura. Bħala prekawzjoni kienu mwaħħla żewġ *bollards* tal-ħaġar biex il-vetturi jibqgħu 'il barra minkejja li t-toroq huma dojoq ferm.



**Iċċangar bil-Madum taż-Żuntier tal-Bażilika ta' San Pawl fir-Rabat**

Qagħdna attenti għaliex dan is-sit fil-fatt hu ċimiterju antik. Il-post hu sensittiv immens għaliex dan is-sit hu wkoll skedat. Kien hemm bżonn il-kunsens mhux biss tal-Parroċċa u l-Kanonċi, iżda wkoll ta' dawk li ilhom jużawh għal snin twal – l-Għaqda Armar tal-Festi Corpus Domini u San Pawl. Tajjeb li ngħidu li minn dan is-sit jinħaraq n-nar tal-art fiż-żewġ festi prinċipali – Corpus Domini u San Pawl.

Ngħidu grazzi lill-Infrastruttura Malta li wettqet dawn ix-xogħlijiet bil-finanzjament tal-Awtorità Maltija tat-Turizmu. Bħala spejjeż il-Kunsill Lokali tar-Rabat ħareġ biss dawk tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar: Environmental fee €225.00









**Tmiem tal-Proġett ta' Tisbiħ ta' Triq Santa Rita**

Stajna ħadna x-*short cuts* u qlajna is-siġar tal-ficus li għandhom snin twal. Iżda dan ma għamilniehx u għazilna li nsibu kompromess. F'dan is-sit li fih rampa għal persuni b'diżabilità li twasslek minn Triq ir-Rebħa għal Triq Santa Rita, ħadd ma seta' jgħaddi minħabba l-ħmieġ tal-għasafar. Għaldaqstant waqqafna tinda biex minn taħtha jgħaddu l-*pedestrians* b'rashom mistrieħa li mhux se jitħammġu bil-ħmieġ tal-għasafar u fl-istess ħin iservu ta' qafas biex ix-xtieli jixxebilku magħha u din tkun tikkumplimenta ir-*roof garden* li hemm biswit fuq il-latrina pubblika u wkoll il-*green wall*. Dan kien proġett li sewa' b'kollox €113,414.03





| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 Projects<br>Irrigation pipes and drippers | Inv 301 | €3,776.00 | SOP341 | Ref: 16042 |
| 10 Projects Landscaping | Inv 308 | €11,538.00 | SOP343 | Ref: 16311 |
| 10 Projects<br>Bark Chipping | Inv 322 | €9,354.00 | SOP346 | Ref: 16571 |
| 10 Projects | Inv 355 | €15,340.00 | SOP346 | Ref: 16572 |
| 10 Projects<br>Trellis wood structure, landscaping, vertical garden and green roof | Inv 493 | €63,494.03 | SOP353 | Ref: 17452 |
| E & L Enterprises<br>Canopy Structure | Inv 10155 | €9,912.00 | SOP358 | Ref: 18150 |
| | | €113,414.03 | | |

**Taħwil ta' siġar ġodda minflok dawk li mietu fil-Belveder t'Għeriexem**

Fil-31 ta' Jannar tħawwlu s-siġar tal-Ballut fil-Belveder ta' Għeriexem flok dawk li kienu mietu. Tlieta b'kollox. Siġar li ġew mgħotija lill-Kunsill mir-Reġjun Punet. Mhux il-konok kollha li kien hemm vojta kienu magħmula biex jitħawwlu s-siġar fihom għax fond ta' ħamrija m'hemmx u fihom pjanti baxxi u arbuxxelli biss jistgħu iżommu. Dan ix-xogħol sar minn Paradiso Garden tar-Rabat.






Spejjez: 10 Projects Inv 523
€3,093.96 SOP356 Ref; 17856

**Tberik tradizzjonali tal-Annimali fil-Festa ta' San Anton Abbati**




Nhar l-14 ta' Jannar inżammet bħal kull sena l-Festa ta' San Anton Abbati. Diversi ġenituri ġabu t-tfal tagħhom bil-*pets* għat-tberik tal-annimali u dan inissel imħabba għalihom fosthom il-bosta sidien taż-żwiemel. Dan kollu sar bit-taħbrik tal-Pulizija, tal-1st Rabat Scouts Group, tal-Girl Guides, tal-Banda L'Isle Adam, tal-Komunità Agostinjana mmexxija minn Patri Raphael Abdilla u l-Provinċjal Patri Lesley Gatt, Patri Paul Formosa u Patri Ray Francalanza, lir-reffiegħa, lill-abbatini u lill-fratelli bil-ħidma ta' David Gauci Hampton.

Spejjez: Marindex Inv 809 €1,151.20 SOP355 (Ref 17748)

**Cleanup minn Gaming Innovation Group**

Fil-21 ta' Novembru 2024 il-Gaming Innovation Group organizzaw ġurnata tindif jew aħjar clean up bħala GiG Gives day biex jissapportjaw il-lokal u wkoll organizzazzjonijiet karitatevoli fil-komunità tagħna stess u fl-istess ħin jgħinu l-ambjent permezz ta' inizjattiva verament ta' min ifaħħarha.



Dan it-tim ħa ħsieb il-Buskett u neħħew leftover rubbish li nstab fil-kampanja. Kienu madwar ħamsa u għoxrin persuna u wkoll ħadu ħsieb it-tagħmir kollu huma. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat daħal sabiex jiddisponi mill-iskart u hawn irridu nirringrazzjaw lil ħaddiema tagħna tas-sapport kontinwu li jagħtuna, prinċipalment lill-kolletturi tal-iskart wara din l-attività. Verament, l-iskart kien miġbur f'postijiet strateġiċi biex dan kollu kien possibbli u b'hekk permezz tas-Sinjura Elizabet Baldacchino li hija wkoll is-Senior Internal Communications Parther ta' Gaming Innovation Group.





**Natalis Notabilis**




3Grazzi lill-organizzaturi (NGO), lir-Reġjun Punent, l-Onor Julia Farrugia Portelli, lid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni, Patrijiet ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Każin Palazzo Xara u lill-Banda L'Isle Adam, Pulizija tal-Komunità, lir-residenti taz-zona kollha tal-paċenzja li ħadu minħabba xi inkonvenjenti biex tpoġġew il-kabbani, lis-sidien tal-bankarelli, li kienu preżenti tul il-ħmistax-il ġurnata li l-attività kienet organizzata fil-qalba tar-Rabat, lis-sidien tal-ħwienet ta' din iz-zona minħabba xi inkonvenjenti li jinħolqu peress li ma jkunux jistgħu jidħlu trakkijiet kbar tad-*deliveries,* l-




Għaqda Rabtija tal-Presepji, lill-organizzaturi tal-*park and ride*, lill-*isponsors* u l-voluntiera kollha għaliex mingħajrhom mhux possibbli li jkun organizzat dan is-suq tal-Milied fil-lokalità tagħna.

Spejjeż

| Supplier | Details | Euros (€) |
|---|---|---|
| Clinton Debono | Street Decorations inv 1313 dt 15.12.24 | €3,422.00 |
| Clinton Debono | Street Decorations inv 1314 dt 15.12.24 | €4,838.00 |
| | | €8,260.00 |

**Rigal b'imħabba**



Bħal kull sena, lejn l-aħħar tas-sena inġabru rigali biex fi żmien il-Milied ingħataw lit-tfal li m'humiex iffortunati li jingħatawlhom rigali f'dawn il-festi. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ġabar ir-rigali huwa wkoll mingħand speċjalment it-tfal, fil-Muniċipju restawrat fi 8, Triq l-Isptar, fil-ħinijiet tal-Kunsill. Dawn ir-rigali imbagħad tpoġġew taħt is-siġra tal-Milied li ntramat apposta fi Pjazza Kastilja l-Belt. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li pparteċipaw u għamlu dan il-ġest ta' solidarjetà speċjalment lis-Sa Charmaine Balzan, kunsilliera li kienet qed tilqa' ir-rigali u lis-Sindku, is-Sur Sandro Craus li ppreżentahom fi Pjazza Kastilja.






**Statement of Comprehensive Income**

| | Notes | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Funds received from central government | 3 | **1,395,884** | 1,330,283 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | **4,320** | 4,579 |
| General Income | 5 | **126,365** | 60,142 |
| | | **1,526,569** | 1,395,004 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | 7 | **237,867** | 229,770 |
| Operations and Maintenance | 8 | **919,539** | 947,524 |
| Administrative and other Expenditure | 9 | **535,209** | 573,386 |
| | | **1,692,615** | 1,750,680 |
| **Operating loss for the year** | | **(166,046)** | (355,676) |
| Finance income | 6 | **26** | 67 |
| **Total comprehensive loss for the year** | | **(166,020)** | (355,609) |

**Statement of Financial Position**

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-current assets** | | | |
| Intangible asset | 10 | - | 131 |
| Property, plant and equipment | 11 | 1,012,140 | 1,320,427 |
| | | 1,012,140 | 1,320,558 |
| **Current assets** | | | |
| Inventories | 12 | 4,120 | 7,103 |
| Receivables | 13 | 713,467 | 343,050 |
| Cash at bank and in hand | 14 | 799,164 | 1,146,032 |
| | | 1,516,751 | 1,496,185 |
| **Total Assets** | | 2,528,891 | 2,816,743 |
| **Reserves** | | | |
| Retained Fund | | 765,066 | 931,086 |
| **Non - Current Liabilities** | | | |
| Long-term borrowings | 16 | 171,712 | 228,950 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Payables | 15 | 1,477,637 | 1,599,469 |
| Short- term borrowings | 16 | 114,476 | 57,238 |
| **Total Current Liabilities** | | 1,592,113 | 1,656,707 |
| **Total Liabilities** | | 1,763,825 | 1,885,657 |
| **Total Reserves and Liabilities** | | 2,528,891 | 2,816,743 |

## Statement of Changes in Equity

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| Balance at 1 January 2023 | 1,286,695 | 1,286,695 |
| Loss for the year | (355,609) | (355,609) |
| **Total comprehensive loss for the financial year** | (355,609) | (355,609) |
| **Balance at 31 December 2023** | **931,086** | **931,086** |
| Balance at 1 January 2024 | 931,086 | 931,086 |
| Loss for the year | (166,020) | (166,020) |
| **Total comprehensive loss for the financial year** | (166,020) | (166,020) |
| **Balance at 31 December 2024** | **765,066** | **765,066** |

## Statement of Cash Flows

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **Cash flows generated from operating activities** | | | |
| **Loss for the year** | | **(166,020)** | (355,609) |
| Adjustments for: | | | |
| Depreciation of property, plant & equipment | 11a | **154,020** | 108,011 |
| Amortisation charge | 10 | **131** | 271 |
| Recovery of bad debts | | **-** | (2,381) |
| Finance income receivable | | **(26)** | (67) |
| Decrease in provision for bad debts | | **2,033** | (7,705) |
| **Deficit for the year before working capital movements** | | **(9,862)** | (257,480) |
| Movement in inventories | | **2,983** | 797 |
| Movement in receivables | | **(372,450)** | (120,425) |
| Movement in payables | | **(121,832)** | 454,544 |
| **Net cash generated from operating activities** | | **(501,161)** | 77,436 |
| **Cash flows from investing activities** | | | |
| Investment income receivable | | **26** | 67 |
| Payment to acquire property, plant and equipment | 11a | **(1,162,496)** | (1,078,889) |
| **Net cash used in investing activities** | | **(1,162,470)** | (1,078,822) |
| **Cash flows from financing activities** | | | |
| Grants received | | **1,316,763** | 508,542 |
| Loan advances | | **-** | 286,188 |
| **Net cash generated from financing activities** | | **1,316,763** | 794,730 |
| **Movement in cash and cash equivalents** | | **(346,868)** | (206,656) |
| **Cash and cash equivalents at the beginning of the** | | **1,146,032** | 1,352,688 |
| **Cash and cash equivalents at the end of the year** | 14 | **799,164** | 1,146,032 |

**2. Accounting policies and reporting procedures** – continued

**u. Capital management policies and procedures**

The Local Council's capital consists of its net assets, including working capital, presented by its retained funds. The Local Council's management objectives are to ensure that the Local Council's ability to continue as a going concern is still valid and that the Local Council maintains a positive working capital ratio. To achieve this, the Local Council carries out a quarterly review of the working capital ratio (Financial Situation Indicator). The Local Council also uses budgets and business plans to set its strategy to optimise its use of available funds and implement its commitments to the locality.

**3. Funds Received from Central Government**

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **1,349,635** | 1,245,056 |
| Other Government Income | **46,249** | 85,227 |
| | **1,395,884** | 1,330,283 |

**4. Income from Local Enforcement**

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Administrative fee | **4,320** | 4,579 |

**5. General Income**

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Income from permits | **47,463** | 44,991 |
| Contributions | **76,206** | 15,151 |
| Other income | **2,696** | - |
| | **126,365** | 60,142 |

6. **Finance Income**

| | 2024 | 2023 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Bank interest** | **26** | 67 |

7. **Personal Emoluments**

| | 2024 | 2023 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Mayor's honoraria and allowances | **16,366** | 16,003 |
| Executive Secretary and allowances | **46,043** | 44,659 |
| Employees' salaries | **137,994** | 132,075 |
| Social Security Contributions | **14,864** | 14,433 |
| Councillors' allowances | **22,600** | 22,600 |
| | **237,867** | 229,770 |

**Average number of people employed**

| | | |
|---|---|---|
| Employees | 7 | 7 |
| Mayor and Councillors | 9 | 9 |

## 9. Administrative and other expenditure

| | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|
| Amortisation of intangible assets | **131** | 271 |
| Bad debts written off | **471** | (2,381) |
| Bank interest and charges | **1,511** | 1,683 |
| Community and hospitality | **115,347** | 181,225 |
| Depreciation of property, plant & equipment | **154,020** | 108,011 |
| Information services | **4,225** | 13,586 |
| LES related expenses | **1,785** | 7,376 |
| National and international memberships | **900** | 900 |
| Office services | **6,085** | 13,317 |
| Other contractual services | **41,795** | 63,541 |
| Other repairs and upkeeps | **-** | 14,698 |
| Provision for bad debts | **2,033** | - |
| Professional fees | **75,414** | 48,958 |
| Rent | **76,133** | 79,348 |
| Social events | **11,914** | 16,070 |
| Transport | **11,858** | 10,195 |
| Travel | **105** | 2,675 |
| Utilities | **30,506** | 13,913 |
| Uniforms | **976** | - |
| | **535,209** | 573,386 |

| | Property | Office furniture and fittings | Office equipment | Plant and machinery | Urban improvements | New street signs/lights | Computer equipment | Special programmes | Motor vehicles | Asset not yet capitalized | Energy saving devices | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| ary 2023 | 282,851 | 48,402 | 57,992 | 12,881 | 5,109,782 | 65,985 | 54,820 | 1,439,851 | 81,804 | 258,362 | - | 7,412,330 |
| | - | 385 | - | 1,427 | 313,908 | - | - | | 53,073 | 610,268 | 99,828 | 1,078,889 |
| ember 2023 | 282,851 | 48,787 | 57,992 | 14,308 | 5,423,690 | 65,985 | 54,820 | 1,439,851 | 134,877 | 868,630 | 99,828 | 8,491,219 |
| t Grants | | | | | | | | | | | | |
| ary 2023 | - | - | - | - | 1,907,899 | - | - | 255,433 | 25,000 | 253,048 | - | 2,441,380 |
| grants additions | - | - | - | - | 26,643 | - | - | - | 15,036 | 367,035 | 99,828 | 508,542 |
| ember 2023 | - | | - | - | 1,934,542 | - | - | 265,433 | 40,036 | 620,083 | 99,828 | 2,949,922 |
| n | | | | | | | | | | | | |
| ary 2023 | 54,646 | 42,614 | 49,821 | 9,155 | 2,809,848 | 65,985 | 48,403 | 1,002,909 | 29,478 | - | - | 4,112,859 |
| te year | 3,176 | 806 | 3,495 | 1,190 | 61,861 | - | 4,261 | 16,642 | 16,580 | - | - | 108,011 |
| ember 2023 | 57,822 | 43,420 | 53,316 | 10,345 | 2,871,709 | 65,985 | 52,664 | 1,019,551 | 46,058 | - | - | 4,220,870 |
| alue | | | | | | | | | | | | |
| ember 2023 | 224,829 | 5,367 | 4,676 | 3,963 | 617,439 | - | 1,956 | 164,867 | 48,783 | 248,547 | - | 1,320,427 |